MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 233/2009

**Nextweb Limited (C 27067)**

**vs**

**AG Ventures Ltd (C17492)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Marzu 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmienja u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€1688.11) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf sitt mija u tmienja u tmenin Euro u hdax-il centezmu (€1688.11), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------